MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 95

2 ta' Mejju 2018

Minuti tas-seduta Nru. 95 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 2 ta' Mejju 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduti Nri. 94 tas-16 ta' April 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ (B/5/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.5. tas-seduta Nru. 94 u qal li saret laqgħa tal-kumitat ta' azzjoni msejjaħ Kumitat Ingawduħ u Nieħdu Ħsiebu Flimkien. Fl-istess laqgħa ġew diskussi l-proposti li saru mill-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Gauci. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-aċċess bil-vetturi fi-Żona Ċ ġiet mblukkat mill-Għaqda Kaċċatturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin wara li kkonsultaw miegħu. Kompla jgħid li kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post biex jiġi stabbilit x'tabelli għandhom jitwaħħlu.

2.1.3. Is-Segretarju qal li kien hemm xi wħud li lmentaw għat-twaħħil tal-*bollards* fl-aċċessi għaż-Żona Ċ. Is-Sur C. Debono għarraf li kellha ssir spezzjoni fuq il-post mal-uffiċjali tal-LESA.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Estensjoni tal-*fish farm* tat-tonn eżistenti fil-grigal ta' Malta (T/8)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-preżentazzjoni ma setgħatx tingħata peress li l-persuna konċernata minn Adi Associates kien indispost.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Studju Nazzjonali fuq il-Prevalenza tan-Nuqqas ta' Smigħ fost l-Adulti (M/8/Vol VI)**

2.3.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta Nru 94 u għarraf illi huwa kellu jiltaqa' ma' diriġenti tad-ditta OK Medical fit-22 ta' Mejju 2018.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Programmi offruti mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard (M/8/Vol VI)**

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta Nru 94 u għarraf illi huwa kellu jiltaqa' ma' uffċjali mid-direttorat imsemmi fil-15 ta' Mejju 2018.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. PA 2727/18 – Estensjoni tal-Maritim Hotel Antonin & Spa (P/5/8/G)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li wara konsultazzjoni dwar l-iżvilupp propost, fit-28 ta' April 2018 saru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar fis-sens li dan ser ikompli jżid il-problemi ta' konġestjoni fi Triq Ġorġ Borg Olivier u fil-madwar billi:

(a) jiżdiet it-traġitt tal-vetturi u tikber d-domanda għall-ispazju għall-ipparkjar;

(b) l-iżvilupp propost ma jinkludix spazzju għall-ipparkjar fis-sit in kwistjoni; u

(c) il-punt (b) huwa msaħħaħ mill-fatt li fl-aħħar estensjoni ta' żewġ sulari permessa mill-Awtorità tal-Ippjanar, fuq in-naħa l-oħra tat-triq (PA 2098/06) ma kienet tinkludi ebdaspazzju għall-ipparkjar.

2.5.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**2.6.1. PA 1820/18 – Riġenerazzjoni tar-ramla fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedent u għarraf li wara illi rreġistra l-pożizzjoni tiegħu fuq il-proposta mal-Awtorità tal-Ippjanar ntalbet konsulenza mingħand id-ditta A.I.S. Environmental.

2.6.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll illi Projects Malta u l-Foundation for Tourism Zone Management talbu li ssir laqgħa mal-Kunsill sabiex jispjegaw l-intenzjonijiet tagħhom, liema laqgħa saret fid-19 ta' April 2018. Għan-naħa ta' l-FTZM attendew il-kap eżekuttiv is-Sur Ronnie Vella u s-Sur Aaron Zahra, filwaqt li minn Projects Malta attenda s-Sur James Camenzuli li kienu assistiti mill-Periti Stephen Vancell u Denise Ellul Martin mill-EMDP Architects, li huma responsabbli mit-tfassil tal-proġett. Kien preżenti wkoll is-Sur Ray Cachia Zammit li huwa responsabbli mill-kordinazzjoni tal-istudji meħtieġa.

2.6.4. Ġie spjegat li l-aħħar fażi tal-proġett tinvoli l-ħolqa li hemm nieqsa fil-proġett tat-TEN-T – bejn Dawret il-Mellieħa u Triq l-Armier. Skont kif ġie spjegat waqt il-laqgħa ma' Projects Malta, it-triq ser tinbena mill-ġdid fuq il-pilastri sabiex iż-żona tar-Riżerva tal-Għadira tkun biċċa waħda mar-ramla u hekk tkun garantita s-sostenibilità tal-proġett intiż biex tirriġenera r-ramla. Kompla

jgħid li għalkemm saru xi studji fuq ċerti aspetti tal-proġett, jidher li għad fadal oħrajn dwar l-impatti li jista' jġib miegħu l-intervent.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli** **(A/5/3/Vol XII)**

2.7.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 13.1. u għarraf li fl-24 ta' April 2018 saret laqgħa għad-dilettanti ta' vetturi kollettibbli nteressati jieħdu sehem fil-wirja li ser issir f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa fl-10 ta' Ġunju 2018.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Postijiet għaż-żamma ta' karrijiet użati għall-ġarr ta' opri tal-baħar** **(X/1/5)**

2.8.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.2. tas-seduta ta' qabel u qal li Triq il-Qammieħ, f'ċerta parti mhijiex wiesgħa biżżejjed biex jgħaddu mill-inqas żewġ karrijiet li attwalment jinsabu fuq il-Moll tat-Tunnara.

2.8.3. Is-Sindku qal li moll irid jitbattal mill-karrijiet sabiex ikun possibbli ħalli jintuża minn dawk il-karrijiet li jinġiebu għall-ġurnata. Huwa kkummenta wkoll li l-barriera tal-Armier hija problematika wkoll għall-karrijiet il-kbar minħabba l-kantuniera qawwija li teżisti qrib id-dħul minn Triq l-Armier iż-Żgħir. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti skont il-minuta 2.8.2., is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-karrijiet illi ma' jgħaddux minn Triq il-Qammieħ m'għandhomx post ieħor fejn jitpoġġew għas-sajf ħlief f'wieħed mill-parkeġġi li hemm biswit il-Mellieħa Bay Hotel. F'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jkun hemm bażi soda li tiġġustifika t-tqegħid tal-karrijiet il-kbar f'dan il-post.

2.8.4. Il-Kunsill approva l-pożizzjoni proposta fil-minuta 2.8.3., filwaqt li nnota li s-sit indikat fil-Qammieħ jeħtieġ jitwitta biex ikun jista' jintuża.

**2.9.1. Kors fl-ewwel għajnuna** **(E/3/5)**

2.9.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 22 ta' April 2018, mibgħut minn SamMer First Aid Course li joffru taħriġ fl-ewwel għajnuna. Skont l-istess imejl dawn għandhom l-akkreditazzjoni mid-Dipartiment tal-Kwalità u Standards fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi. Il-kors jingħata fuq medda ta' tnax-il siegħa u qed jiġu offruti bil-prezz ta' €30 kull student. Fl-aħħar tal-kors jingħata ċertifikat. Il-korsijiet jingħataw fi gruppi li ma jaqbżux 15-il student.

2.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jingħata dan il-kors, sakemm ikun hemm konkorrenza biżżejjed għalih.

**2.10.1. Korsijiet tal-kompjuter għat-tfal** **(E/3/1/9/Vol IV)**

2.10.2. Il-Viċi Sindku D. Vella għarraf li saret proposta minn TCTC Ltd sabiex isir kors intiż għat-tfal fl-etajiet bejn ħames u erbatax-il sena biex jitgħallmu jużaw il-kompjuter. L-isem tiegħu huwa "Robotica" u jista' jingħata bejn Lulju u Settembru 2018 bil-prezz ta' €50 kull student, filwaqt li l-Kunsill ikun mistenni jissussidjah bi €1,100 sa massimu ta' 60 student.

2.10.3. Il-Kunsill qabel li għandu jsir il-kors imsemmi, wara li jiġi żgurat li n-numru ta' studenti li jattendu jkun jiġġustifika l-ispiża msemmija.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

3.1. Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

### 3.1. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 06/03/18 – 16/04/18
- *Purchase Request Form* – 02/05/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 14/04/18 – 27/04/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Stqarrijiet Finanzjarji 2017 wara l-verifika.

### 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

4.1.1. **Rati tal-ħlas għas-servizz tal-latrini pubbliċi** **(L/3/Vol III)**

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 19 ta' April 2018 fejn Absolute Cleaners Ltd talbu li jingħtaw żieda ta' 2.5% fuq ir-rati mitluba fl-2017 minħabba l-għoli tal-ħajja b'effett minn Jannar 2018.

4.1.3. Il-Kunsill approva iż-żieda mitluba skont kif indikat fl-item 046-04-18 fl-Iskeda tal-Pagamenti mehmuża ma' dawn il-minuti, kif ukoll għall-ħlasijiet marbuta mal-2018. Dan fid-dawl tal-fatt ukoll li Absolute Cleaners Ltd qed jirrendu servizz ta' emerġenza.

### 4.2.1. Spejjeż ta' ivjaġġar marbuta mal-Proġett *Small Markets at the Heart of the European Economy* (P/10/25)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' April 2018 mibgħut mis-Sur Joseph Bartolo, fejn qed jitlob l-ħlas lura li huwa għamel biex xtara l-biljett tal-ajru Malta/Bari/Malta li kien jammonta €101.50. Huwa qed jitlob li 35% tingħata lura, kif kien ġie stabbilit waqt laqgħa li saret f'April 2017.

4.2.3. Ġie spjegat li fis-Seduta 83 tat-3 ta' Ottubru 2017 il-Kunsill kien qabel fuq *capping* ta' €120.00 fuq il-biljetti tal-ajru, li f'każ illi dan l-ammont jinqabeż, id-differenza jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill. Dan l-arranġament ġie segwit fil-każ tal-parteċipanti kollha li kien hemm fil-proġett imsemmi.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata r-rifużjoni mitluba billi l-arranġament mas-Sur Bartolo kien sar qabel ġie stabbilit il-*capping* ta'€120.

### 4.3.1. Festa Familja – Kummissjoni Familja (S/6/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datata 9 ta' April 2018, mibgħuta mill-Kummissjoni Familja fi ħdan il-Parroċċa tal-Mellieħa, fejn il-Kunsill intalab ikun parteċipi fl-organizzazzjoni tal-attività msemmija billi jipprovdi logħob għat-tfal li jkunu preżenti fis-27 ta' Mejju 2017 f'Misraħ il-Parroċċa.

4.3.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.4.1. *Netball shootout* (S/6/Vol IV)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' April 2018, mibgħut mill-Mellieħa Netball Nursery fejn appellaw lill-Kunsill ikun parteċipi fl-organizzazzjoni ta' *shootout* proposta għall-aħħar tal-istaġun li ser ssir fit-18 ta' Mejju 2018 fil-Park tal-Familja.

4.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €100.

### 4.5.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ta' Masrija (T/3/2/Vol XV)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' April 2018 mibgħut mis-Sur Patrick Gatt, fejn talab li jittieħdu miżuri sabiex jiġu evitat sewqan perikoluż fit-triq imsemmija. Huwa aċċenna għal incident riċenti fejn vann qabad il-bankina u spiċċa daħal f'bieb ta' residenza.

4.5.3. Wara li l-Kunsill ra r-ritratti tal-post fejn gara l-inċident, innota li dan jinsab lill'hinn mill-*junction* ma' Triq it-Tgħam u Triq l-Għorgħar. Ġie nnutat ukoll li mhux magħruf li fl-istess post ġraw inċidenti simili fil-passat. Minkejja dan, ġie deċiż li għandha ssir *U-barrier* fuq il-bankina quddiem ir-residenza tas-Sur Gatt f'Nru. 344.

### 4.6.1. *Parking bays* fi Triq in-Naħħalija (T/3/2/Vol XV)

4.6.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li bdiewa li għandhom ir-raba tagħhom biswit Triq in-Naħħalija qed jilmentaw illi l-erba' aċċessi għall-istess raba ġew imblukkati permezz ta' *parking bays* bojod. Għaldaqstant huma talbu li dawn jsiru sofor.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex l-parking bays quddiem id-daħliet in kwistjoni jiġu ndikati b'linji sofor.

### 4.7.1. Riforma fil-qasam tal-infurzar lokali (W/3/Vol XI)

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat l-1 ta' Mejju 2018 mibgħut mill-LESA, fejn tħabbar li b'effett mill-istess data l-Gwardjani Lokali ġew ingaġġati direttament mal-istess aġenzija. Ġiet spjegata wkoll il-proċedura kif għandu jsir l-ordnar ta' servizzi speċjali f'dak li huma siti ta' kostruzzjoni, kif ukoll għall-attivitajiet li jsiru mill-Kunsilli Lokali.

4.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.8.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil (B/4/4/Vol II)

4.8.2. Is-Sindku rrefera ta' imejl datat 29 ta' April 2018, mibgħut mill-Leisure Team Association, fejn għarrfu li erbatax-il caravan ser jinġiebu fl-inħawi msemmija għal matul ix-xhur tas-sajf biss.

4.8.3. Il-Kunsill innota l-korrispondenza.

### 4.9.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier u kwestjonarju mill-GRTU - Malta Chamber of SME's (T/3/3/Vol V)

4.9.2. Is-Sindku kkonferma li l-GRTU għaddejja b'sondaġġ fost il-kumunità kummerċjali ta' Triq Ġorġ Borg Olivier fid-dawl tad-diskussjoni li għaddejja fil-Kumitat għall-Kontroll tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta. Is-sondaġġ qed isir permezz ta' kwestjonarju li jikkonsisti minn seba' mistoqsijiet. Dawn jittrattaw l-arranġamenti kollha possibbli li jinvolvu l-ipparkjar, sistema ta' *one-way* u ż-żamma tat-*two-way* eżistenti. Il-President tal-GRTU – is-Sur Paul Abela – ġie mistieden jattendi s-seduta li jmiss sabiex iħabbar l-eżitù tal-kwestjonarju.

4.9.3. Is-Sur J. Buttigieg qal illi proposta li s'issa qatt ma ġiet diskussa hija l-possibiltà li ssir mina mill-parkeġġ li ser isir taħt l-estensjoni tal-Iskola Primarja bi dħul minn Triq il-Mitħna l-Ġdida, bejn Triq it-Tonn u Triq Sant' Elena. Huwa esprima l-fehma li Triq Ġorġ Borg Olivier tista' titħalla *two-way*, jitneħħa l-ipparkjar kollu, kemm-il darba ssir mina pedonali li tgħaqqad il-parkeġġ ma' Triq Ġorġ Borg Olivier. Finanzjament għal din l-inizjattiva jista' jinġieb mill-Fond tal-Ippjanar.

4.9.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jressaq il-proposta skont kif spejgata fil-minuta 4.9.3. aktar 'il fuq lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, kif ukoll jiġu nfurmati dwarha il-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi u l-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

### 4.10.1. Bini ta' *hoarding* quddiem Plot 191/192, Triq il-Qasab (A/6/3/1/Vol 103)

4.10.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 2 ta' Mejju 2018 mibgħut minn Raise Fields Ltd illi attwalment qed jiżviluppaw il-qtajja' Nri. 191, 192 fi Triq Għajn Żejtuna, skont il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar PA 0412/14. Is-Sur J. Buttigieg spjega li bħala prekawzjoni qed jintalab li jinbena *hoarding* 1.22 metri 'l barra mill-kurduna tal-bankina fi Triq il-Qasab. Dan qed

jintalab bil-għan li ma jiġux ipparkjat vetturi kbar li bil-piż tagħhom jagħmlu pressjoni żejda fuq il-ħajt tat-triq li tneħħa l-materjal li kien hemm miegħu.

4.10.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 4.11.1. Arranġmenti tat-traffiku fi Triq il-Kappella tal-Militar (T/3/2/Vol XV)

4.11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-11 ta' April 2018, saret laqgħa maċ-Chairman tal-Kumitat tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta dwar introduzzjoni ta' miżuri ta' sigurtà fit-triq imsemmija minħabba il-preżenza taż-żwiemel. Għall-istess laqgħa attendew, l-operaturi ta' horse riding school li tinsab fi Triq il-Kappella tal-Militar. Sussegwentement, permezz ta' imejl datat 25 ta' April 2018, Transport Malta għaddew pjanta li tindika l-arranġament diskuss, li jinkludi l-introduzzjoni ta' *speed humps* u tabelli li jindikaw l-preżenza ta' żwiemel.

4.11.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni illi r-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur ma' jagħtu ebda eżenzjoni biex iż-żwiemel jipproċedu kontra l-*one-way*, u għaldaqstant jeħtieġ li t-tabelli tan-*No Entry* li twaħħlu fi Triq il-Kappella tal-Militar kantuniera ma' Triq il-Manikata jkollhom tabella oħra li tindika dan.

4.11.4. Wara li l-Kunsill ra l-pjanta sottomessa, approva l-arranġament propost bil-miżura msemmija fil-minuta 4.11.3. aktar 'il fuq.

### 4.12.1. Tħejjijiet għal attivitajiet kulturali (A/5/3/1/Vol XVI)(A/5/5/Vol IV)(A/5/3/5/Vol V)

4.12.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppreżentat skeda ta' l-attivitajiet proposti kif jidher hawn taħt:

| Data | Ħin | Tip ta' Attività | Post |
|---|---|---|---|
| 8 ta' Mejju | 10:00 – 13:00 | Jum l-Omm | Great Dane Restaurant – Mellieħa Holiday Centre |
| 12 ta' Mejju | 15:30 – 16:30 | Jum l-Omm | Dar il-Madonna tal-Mellieħa |
| 25 ta' Mejju | 18:00-20:00 | Attività Multi-Etnika | Park tal-Familja |
| 16 ta' Ġunju | 15:30-16:30 | Jum il-Missier | Dar il-Madonna tal-Mellieħa |
| 20 ta' Ġunju | 20:00-22:00 | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ | Misraħ il-Parroċċa |
| 6 u 20 ta' Lulju | 20:00-22:00 | Arti fil-Misraħ | Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II |
| 26 ta' Lulju | 20:00-22.00 | Jum il-Kunsill | Bitħa tas-Santwarju |
| 27 ta' Lulju | 19:30-2300 | Iljieli Melleħin – Serata ta' mużika varjata | Misraħ il-Parroċċa |
| 28 ta' Lulju | 19:30-2300 | Iljieli Melleħin – Serata ta' mżika – Barbecue mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina – Re-enactor Project Lazzarus – Wirja ta' vetturi kollettibbli – Parata Karnivaleska – Breeze Duo – Misraħ għat- | Misraħ il-Parroċċa; Triq Ġorġ Borg Olivier; Triq il-Kbira; Bitħa tas-Santwarju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | Tfal – Rokna għall-artisti u l-artiġġjani | |
| 29 ta' Lulju | 19:30-2300 | Mużika jazz – Kunċert live minn George Curmi u Cristabelle Borg – Re-enactors Fratres in Arms – Wirja ta' vetturi kollettibbli - Misraħ għat-Tfal – Rokna għall-artisti u l-artiġġjani – Korijiet lokali | Misraħ il-Parroċċa; Triq Ġorġ Borg Olivier; Triq il-Kbira; Bitħa tas-Santwarju |

4.12.2. Il-Kunsill approva l-programm propost fil-minuta 5.2.

4.12.3. Dwar Jum il-Kunsill, is-Sinjura A. Brincat Stellini aċċennat li l-Prim Ministru l-Onor. J. Muscat mhux possibbli li jilqa' l-istedina sabiex s-serata tas-26 ta' Lulju ssir taħt il-patroċinju tiegħu.

4.12.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir stedina lill-Onor. E. Bartolo – Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi. Fuq proposta mressqa mis-Sindku, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir sejħa għan-nomini għall-onorefiċenzi fuq il-ġurnali ta' kuljum, kif ukoll permezz ta' ittri lill-għaqdiet tal-lokalità. Id-data tal-għeluq għandha tkun il-15 ta' Ġunju 2018 f'nofsinhar.

4.12.5. Il-Kunsillier E. Bartolo fakkar li għas-6 ta' Ġunju 2018, ir-Reġjun Tramuntana qed jorganizza *re-enactment* tal-iżbark tal-Franċiżi li ġara 220 sena ilu, permezz ta' għadd ta' persuni barranin li ser ikunu liebsin kostumi tal-epoka. L-attività ser tikkonsisti minn marċ li jibda mill-Mistra, jgħaddi minn Selmun u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Mellieħa. Ġie propost li meta l-marċ jasal fl-aħħar żewġ postijiet ikun hemm id-daqq tal-qniepen. Ġie propost ukoll li jiġu sparati maskli f'Selmun u minn Għien Ingraw. Huwa qal li tkellem mal-Għaqda Dilettani tan-Nar dwar il-permessi meħtieġa.

## 5.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

**Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2017 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 90 tal-20 ta' Frar 2018; u**

**illi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2017 oriġinali, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;**

**Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)**

5.2. Fil-fatt l-aġġustament kienu jinvolvu tibdiliet żgħar illi jikkonsistu fi riklassifikazzjoni, li affettwa:

- L-*Intangible assets (software* tal-kompjuter);
- L-Istokks *(Inventories)*
- L-Allokazzjoni Supplimentari f'dak li jirrigwarda (a) l-għotjiet ta' flus marbuta mal-fatt li l-Mellieħa hija lokalità turistika; (b) *Tipping Fees* tal-WasteServe; u (ċ) it-*Tarmac Grant* li wtilizzata fuq tiswija ta' toroq fl-inħawi ta' Għien Ingraw.

5.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

**Billi l-kuntratt attwali li jipprovdi għall-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat, li l-Kunsill għandu ma' Velljo Services, ser jitwaqqaf mill-istess Kunsill, filwaqt li saret sejħa għall-**

**offerti (MLC 1/2018) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186);**

**illi t-tmien offerti li saru ġew evalwati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni maħtur mill-Kunsill fis-Seduta 90 tal-20 ta' Frar 2018, skont il-kriterji stabbiliti minn qabel fid-dokument tal-offerta, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont ir-rapport tiegħu tal-10 ta' April 2018;**

**illi fis-seduta Nru. 94 tas-16 ta' April 2018, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerent Saviour Mifsud, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Mejju 2018, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Saviour Mifsud fl-20 ta' Frar 2018.". (K/6/2/Vol V)**

6.2. Il-Viċi Sindku D. Bartolo mozzjoni sabiex id-data tal "1 ta'Mejju" fl-aħħar paragrafu tal-mozzjoni tinbidel u ssir "1 ta' Ġunju". Il-mozzjoni ta' emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

6.3. Il-mozzjoni kif emendata għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Azzopardi illi tgħid:**

**"Peress li l-kuntratt illi jipprovdi għall-Ġbir tal-Iskart Goff skada;**

**Billi, saret sejħa għall-offerti (MLC 10/2017) kellha tiġi rtirata minħabba dokumentazzjoni insuffiċċjenti, filwaqt li saret sejħa oħra (MLC 2/2018) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186);**

**Billi ż-żewġ offerti li saru ġew evalwati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni maħtur apposta fis-Seduta 91 tas-6 ta' Marzu 2018, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont ir-rapport tiegħu tal-10 ta' April 2018;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Mejju 2018, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Antoine Fenech fis-6 ta' Marzu 2018.". (K/6/8)**

7.2. Il-Viċi Sindku D. Bartolo mozzjoni sabiex id-data tal "1 ta'Mejju" fl-aħħar paragrafu tal-mozzjoni tinbidel u ssir "1 ta' Ġunju". Il-mozzjoni ta' emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

7.3. Il-mozzjoni skont kif emendata għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

**8.1. Periklu fi Triq Santa Marija** **(T/3/2/Vol XII)**

8.2. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet fis-Seduta 58 tat-30 ta' Ġunju 2016 meta kien ġie deċiż li ma jsirx ipparkjar faċċata ta' Francis Flats, bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq in-Nofsinhar. Minkejja dan il-proprjetarji tal-fond imsemmi xorta waħda għadhom isofru danni permezz ta' vetturi li jispiċċaw jaħbtu mal-faċċata tal-istess binja. Għaldaqstant huwa ppropona li ssir *speed hump* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida eżatt qabel il-kantuniera ma' Triq Santa Marija.

8.3. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 9.2 aktar 'il fuq, filwaqt li ddeċieda wkoll li ssir *speed hump* oħra fi Triq il-Muna kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, peress li hemm tendenza li xi xuffiera jibqgħu għaddejjin dritt għal Triq Santa Marija mingħajr ma' jieqfu. Is-Segretarju ntalab jagħmel rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta għal dan il-għan.

**9.1. Permessi marbuta mal-Batterija ta' Westreme** **(P/4/4/Vol IV)**

9.2. Is-Sindku għarraf li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess PA 1155/14 biex ikun jista' isir ir-restawr tal-batterija f'Settembru 2014. Fl-4 ta' April 2018 inħareġ il-permess PA 2251/17 sabiex il-binja tkun tista' tintuża bħala ċentru ta' interpretazzjoni fi Klassi 3C. Kompla jgħid li l-Kumitat għas-Selezzjoni tal-Proġetti 2014-2020 sejjaħ laqgħa għat-8 ta' Mejju 2018 dwar it-talba li għamel il-Kunsill sabiex dawn il-proġetti jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Unjoni Ewropea.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. Skema ta' dwal ġodda fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna** **(E/1/3/Vol IV)**

10.2. Is-Sindku aċċenna li l-applikazzjoni illi saret mill-Kunsill bil-għan li jibbenefika mill-Fond tal-Ippjanar biex jiffinanzja l-proġett imsemmi kienet qed tiġi trattata b'mod favorevoli mill-Awtorità tal-Ippjanar, u għaldaqstant huwa mistenni li jiġi ffirmat il-ftehim relattiv fil-ġimgħat li ġejjin.

10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Mejju 2018.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn is-6 ta' Marzu u s-16 ta' April 2018.

11.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-14 u s-27 ta' April 2018.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9:25 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**